**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 27 ta` Marzu 2017**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur N.Ciappara)**

**Vs**

**DARREN DEBONO**

Kump Nru. 1086/2004

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Darren Debono** detentur tal-karta tal-identita 247477(M)**,** gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fil-5 ta' Mejju 2000, fil-21 ta' Ottubru 2003 u fit-22 ta' Ottubru 2003:

1. Tajt xiehda falza fi proceduri kriminali dwar delitt suggett ghall-piena aktar mill-piena ta' prigunerija ghal zmien sentejn, sew kontra kemm favur il-persuna akkuzata (Art. 104 Kap 9;

2. Hlift falz quddiem Magistrat (Art. 108 Kap 9);

3. Bil-qerq hloqt jew gieghelt li jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza sabiex dan il-fatt jew cirkostanza li jkunu jistghu il-quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra, bil-hsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat (Art. 110 Kap 9);

Rat il-kunsens ta` l-Avukat Gemerali tat-13 ta` April 2005 sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja (ara folio 10);

Rat l-atti u d-dokumenti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa f'dan il-procediment;

Qieset l-ammissjoni ta` l-imputat fl-udjenza ta` llum anki wara li inghata zmien bizzejjed sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu;

Semghet is-sottomissjonijiet finali;

**Ikkunsidrat**;

Illi l-atti processwali ta` din il-kawza ghaddew ghand din il-Qorti kif inhi issa presjeduta wara assenjazzjoni ufficjali li sehhet f'Awwissu tas-sena 2013, u dana peress li l-Magistrat li kien jippresjedi fil-Qorti tal-Magistrati gie elevat ghal Imhallef.

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset il-provi dokumentarji imressqa, l-Qorti tiddikjara li l-imputazzjonijiet imsemmija migjuba kontra tieghu gew sodisfacentement ippruvati u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tiddikjarah hati taghhom.

**Ikkunsidrat**;

Din il-Qorti tiddikjara li r-reati kif migjuba kontra l-hati huma serji, u fejn ma hemmx xi raguni u/jew cirkostanza jew cirkostanzi partikolari, il-hati ta` dawn ir-reati jkun jimmerita piena li tkun ta` deterrent, bhal ma hi piena ta` prigunerija. Fid-dawl tac-cirkostanzi kollha pero`, l-Qorti qieset sew xi jghid l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta. Dan huwa parti minn numru ta` ghodod li l-legislatur ghogbu jaghti lill-Qrati ghall-konsiderazzjoni taghhom meta jigu biex jikkalibraw il-piena u/jew sanzjoni. Jigi osservat ukoll li l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 jista jigi applikat meta Qorti taghti sentenza ta` prigunerija ghal zmien ta` mhux izjed minn sentejn. Din il-Qorti hi tal-fehema u hi sodisfatta, wara li qiset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, li ghandha titratta mal-hati permezz ta` sentenza ta` prigunerija izda li din ghandha

tkun sospiza skond it-termini tal-istess artikolu tal-ligi. Meqjus dan kollu din il-Qorti tqis li ma hux fl-ahjar interess tal-Gustizzja li timponi piena karcerarja effettiva.

**KONKLUZJONI.**

**GHAL DAWN IL-MOTIVI DIN IL-QORTI, wara li rat l-artikoli 17, 31, 104, 108 u 110 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Darren Debono hati tal-imputazzjonijiet kollha kif migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah komplessivament ghall-piena ta` prigunerija ta` sentejn (2) izda, bis-sahha tal-Artikolu 28A tal-Kap 9, tordna li s-sentenza ma tidholx fis-sehh hlief jekk, matul il-perjodu ta` erba (4) snin mill-lum, il-hati jikkommetti reat iehor li ghalieh hemm piena ta` prigunerija.**

**Skond l-Artikolu 28A(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lil Darren Debono, fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tieghu taht l-Artikolu 28B jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta` prigunerija.**

**Bis-sahha ta` l-Artikoli 10 u 109 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, l-Qorti qed tordna l-piena ta` l-interdizzjoni generali fuq il-hati Darren Debono ghal zmien ghoxrin sena mill-llum.**

**In oltre, bis-sahha ta` l-Artikolu 10(7) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, l-Qorti qed tordna illi din is-sentenza, fejn hemm imposta l-interdizzjoni generali, tigi ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern.**

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur